MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 81/2018/1 LM

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143) u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Albert Caruana (K.I. 834352M), sija bil-polza u sija bil-liġi kif ukoll l-istess Albert Caruana**
*(l-appellati)*

***vs.***

**1. L-Awtorità għat-Trasport f'Malta;**
**2. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Gżira**
*(l-appellanta)*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata, hawnhekk "l-appellanta", **l-Awtorità għat-Trasport f'Malta** minn sentenza [minn issa 'l quddiem "is-

sentenza appellata"] tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"] mogħtija fl-4 ta' Novembru, 2019, fejn l-imsemmi Tribunal iddeċieda billi laqa' t-talbiet tar-rikorrenti, hawnhekk "l-appellati" **GasanMamo Insurance Limited** u **Albert Caruana** u ddikjara lill-intimati, **Awtorità għat-Trasport f'Malta** u **Kunsill Lokali Gżira**, responsabbli fi gradi ugwali għall-inċident tal-5 ta' Ottubru, 2016 [minn issa 'l quddiem "l-inċident"] u ordna li huma għandhom iħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' €1,384.40 flimkien mal-imgħax relattiv, ukoll fi kwoti ndaqs bejniethom.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti ta' dan l-appell jirrigwardaw inċident stradali illi fih kien involut ir-rikorrent Albert Caruana meta waqt li kien qiegħed isuq fi Triq Reggie Miller, il-Gżira tar sprall tal-ħadid minn fuq il-bankina għal fuq il-vettura tiegħu u kkawża ħsara li għaliha r-rikorrenti qegħdin jitolbu li jiġu kkumpensati mill-intimati. Da parti tagħhom kemm l-intimata, hawnhekk appellanta, Awtorità għat-Trasport f'Malta, u kif ukoll il-Kunsill Lokali tal-Gżira, ċaħdu r-responsabbiltà tagħhom għall-akkadut.

**<u>Mertu</u>**

3. Permezz ta' talba mressqa fis-27 ta' Frar, 2018 quddiem it-Tribunal, l-appellati kienu talbu illi l-Awtorità appellanta għandha tħallashom is-somma ta' €1,348.40, rappreżentanti €50 illi r-rikorrent Albert Caruana ħallas in linea

ta' *excess* u s-somma ta' €1,298.40 inkwantu d-danni kollha sofferti bħala riżultat tal-incident.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

4. Fl-4 ta' Novembru, 2019, it-Tribunal laqa' t-talba tal-appellati wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Ikkunsidra:*

*Illi l-kawża odjerna tirrigwardja inċident stradali illi fih kien involut l-attur Caruana meta waqt li kien qed isuq fi Triq Reggie Miller, il-Gżira tar sprall tal-ħadid minn fuq il-bankina għal fuq il-vettura tiegħu u kkawża l-ħsara li għaliha l-atturi qed jitolbu li jiġu kumpensati mill-intimati. Illi da parti tagħhom kemm l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta u kif ukoll il-Kunsill Lokali tal-Gżira qed jiċħdu r-responsabilità tagħhom għall-akkadut.*

*Illi mill-aspett prettament legali jinsab deċiż li:*

*"Hu prinċipju konsolidat kemm fid-dottrina kif ukoll f'ġurisprudenza affermata, illi l-entitajiet pubbliċi li lilhom hi affidata ċerta mansjoni huma, bħal kull ċittadin privat, marbuta li josservaw, fil-kors tal-attivitajiet tagħhom, il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja dettata mir-regola fl-Artikolu 1032 (1) tal-Kodiċi Ċivili. Regola din ta' korrettezza, bon sens u ta' żvolġiment għaqli f'kull parti tal-operat, kemm jekk si tratta minn eżekuzzjoni ta' xogħlijiet, manutenzjoni ta' opri pubbliċi, viġilanza u kontroll. L-enti pubblika li ma tosservax dan titqies fi ħtija u jkollha allura tissubixxi l-konsegwenzi ta' dak sanċit fl-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili.*

*Fl-ambitu ta' din it-tematika l-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (Nru 9092, 5 ta' Lulju 2001) kellha dan xi tgħid:-*

"Nell'esercizio del suo potere discrezionale inerente alla esecuzione e manutenzione di opere pubbliche la Pubblica Amministrazione incontra limiti derivanti sia da norme di legge, regolamentari e techniche, sia da regole di comune prudenza e diligenza, prima fra tutte quella del 'neminem laedere' in ossequio alla

quale essa è tenuta a far si che l'‘opus publicum' (in particolare una strada aperta al pubblico transito) non integri per l'utente gli estremi di una situazione di pericolo occulto (cosiddetto insidia o trabocchetto).” *(Hugh P. Zammit v. Direttur tat-Toroq et. deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-23 ta' Jannar, 2004).*

*Illi fil-każ in eżami irriżulta ċar li fi żmien anteċedenti għad-data tal-inċident, l-Awtorità intimata kienet wettqet xogħlijiet estensivi fit-triq li fiha seħħ l-inċident u dana in preparazzjoni għal dak li kellu jseħħ bħala konsegwenza tal-proġett tal-Kappara fejn l-istess triq kellha tagħmel żmien utilizzata bħala* ‘diversion route'. *F'dan is-sens xehed il-Perit Noel Gauci li kkonferma s-segwenti:*

*“(e)ffettivament kien hemm xogħljiet xi jsiru fi Triq Reggie Miller, il-Gżira, dawn kienu parti mill-fatt li Reggie Miller kienet tikkostitwixxi triq parti minn* diversion route *fi ħdan il-proġett tal-Kappara. Ix-xogħlijiet f'Reggie Miller fil-fatt kienu pjuttost estensivi, ngħid li fil-fatt kellna wkoll il-mogħdija tal-ilma li kellha tiġi mgħoddija mill-ġdid apparti xogħlijiet oħrajn. Kien hemm ukoll xogħlijiet ta' bankini u wkoll xogħlijiet konċernanti servizzi ta' telekomunikazzjoni li kellhom isiru. Għamilna fil-fatt* road reconstruction *mill-qiegħ. (…) dawn ix-xogħlijiet bdew għall-ħabta tat-12 ta' Jannar u spiċċaw għall-ħabta tal-aħħar ta' Marzu tas-sena 2016. Inkunu ħriġna ċertifikat u nkunu bdejna kif fil-fatt għamilna nibdew neffettwaw ħlasijiet lill-kuntrattur tagħna. Fuq mistoqsija tat-Tribunal ngħid li dan il-*gutter *partikulari suppost jikkostitwixxi parti mill-konkos tal-istess bankina. Ma jidhirlix li l-gradilja ta' fuq suppost għandha tiġi nvitata b'xi mod sa fejn naf jien din tiġi klippjata biss. Dawn it-tip ta'* gutters *inkluż il-gradilja huma speċifiċi* għal pedestrian areas. *Ngħid illi peress li dawn il-gradilji huma utilizzati* f'pedestrian areas *f'każ li jintlaqtu minn karozza jista' jkun hemm il-każ li dawn il-gradilji jinqalgħu minn posthom. Fuq mistoqsija tat-Tribunal ngħid li dawn il-gradilji ma humiex suppost illi jisporġu oltre l-bankina, suppost jaslu sat-tarf tal-kurduna tal-istess bankina” (xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Ġunju, 2019 fol. 123 u 124 tal-proċess).*

*Illi konsegwentement għal tali xogħlijiet, fil-fatt, tali triq bdiet tiġi utilizzata bħala* diversion route *għat-traffiku sejjer lejn il-Belt u dana kif jinsab ukoll konfermat tramite d-dokumentazzjoni eżebita minn Raymond Scicluna, Skrivan tal-Kamra tad-Deputati fejn jingħad li* “Traffic coming from Paceville tunnels can flow through Triq Reggie Miller to Rue D'Argens, through The Strand Gzira and ix-Xatt ta' Ta' Xbiex towards Valletta” *(fol. 181 tal-proċess). Huwa inkontestat, anke tramite x-xhieda ta' Dr. Daniel Saliba, Junior Legal Officer fi ħdan il-Legal Department tal-Gvern Lokali, li matul dan iż-żmien, it-triq kienet taqa' fil-kompetenza tal-Awtorità intimata (“Per*

*korrettezza ngħid li skont il-liġi jekk it-triq tkun fi stat ta' rikostruzzjoni din ma taqax taħt il-kompetenza tal-Kunsill lokali. Ngħid li f'dak il-każ tali xogħlijiet jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta jew tal-Infrastructure Malta."). Tali xhieda hija fil-fatt in linea ma' dak provdut taħt l-Att dwar il-Gvern Lokali, senjatament l-art. 33 li jelenka r-responsabiltajiet tal-Kunsilli Lokali, anke qabel l-emendi riċenti għall-istess.*

*Illi madanakollu fid-data tal-inċident ossija l-5 t'Ottubru, 2016 it-triq reġgħet waqet fil-kompetenza tal-Kunsill Lokali tal-Gżira tant illi s-Segretarju Eżekuttiv tal-istess ikkonferma li:*

*"Ir-responsabilità għax-xogħlijiet li kienu qegħdin isiru kienet tal-Gvern Ċentrali, ma kien hemm l-ebda involvement min-naħa tal-Kunsill Lokali tal-Gżira peress li dawn ix-xogħlijiet kienu parti mix-xogħlijiet aktar estensivi li kienu qegħdin isiru fuq il-*bridge*. Bagħtna l-*handyman *tagħna peress li sussegwentement wara li ġew terminati x-xogħlijiet il-manutenzjoni ta' dik it-triq taqa' fil-kompetenza tal-Kunsill Lokali. Ngħid li preżentement aħna nieħdu ħsieb il-*maintenance *ta' din l-istess triq però ngħid li aħna ma konniex involuti fir-rigward tal-proġett li kien qed isir kif diġà xehedt. Responsabilità għal dan il-proġett kien f'idejn Transport Malta. Manutenzjoni ngħid li għandi tlieta min-nies li jduru t-toroq li suppost iwettqu dawn il-manutenzjonijiet anke meta ma jkunx hemm ilment u jindunaw li hemm xi ħaġa ħażina. Għandi wkoll kuntrattur u f'dan il-każ fil-fatt dan il-*handyman *li jien bgħatt kien wieħed minn dawn il-kuntratturi li jiena għandi." (xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Lulju, 2019 a fol. 133 tal-proċess).*

*Irriżulta fil-fatt li Triq Reggie Miller m'hijiex meqjusa bħala waħda arterjali u distributorja* ai fini *tar-Raba' Skeda tal-Att dwar il-Gvern Lokali u kwindi salv għal dak li jingħad hawn fuq fir-rigward tax-xogħlijiet estensivi li saru fiha, il-kompetenza għaliha ordinarjament taqa' f'idejn il-Kunsill Lokali tal-Gżira. Ma tressqet ebda prova ta' xi ftehim bil-kontra ta' dan bejn l-Awtorità u l-Kunsill Lokali.*

*Illi konsegwentement għas-surreferit it-Tribunal isib li, mill-provi prodotti fil-każ in ezami, irriżultaw nuqqasijiet li għandhom jigu attribwiti kemm lill-Awtorità intimata u kif ukoll lill-Kunsill Lokali intimat u dana għas-segwenti raġunijiet:*

*1. Tenut kont dak li jinsab ritenut skont il-każistika hawn fuq ċitata huwa ċar li l-Awtorità għat-Trasport f'Malta kienet responsabbli għax-xogħlijiet ikkummissjonati minnha skont ix-xhieda tal-Perit Noel Gauci. F'dan ir-rigward irriżulta ċar li t-tqegħid tal-isprall mertu tal-kawża odjerna kien jifforma parti mix-xogħlijiet ikkummissjonati*

*mill-istess Awtorità. Il-fatt li sussegwentement ir-responsabilità ta' tali triq reggħet irrevertiet lura ghand il-Kunsill Lokali intimat ma jġib fix-xejn il-fatt li, legalment u in linea mal-art. 1031(2) tal-Kodici Ċivili, l-Awtorità intimata baqgħet responsabbli għall-ħsara kollha naxxenti mix-xogħlijiet ikkummissjonati u/jew imwettqin minnha kif konfermat mill-Perit Gauci. Kif ingħad, ċertament li t-tqegħid tal-isprall mertu tal-kawża kien jifforma parti minn tali xogħlijiet u kwindi, jekk tali tqegħid sar ħażin, kienet u tibqa' responsabbli l-Awtorità intimata bħala l-entità pubbliku responsabbli għal tali xogħlijiet.*

*2. Madanakollu, lilhinn mis-surreferit, jeħtieġ li jiġi nnutat kif l-inċident mertu tal-kawża seħħ ferm wara d-data li fiha l-kompetenza għat-triq irrevertiet lura f'idejn il-Kunsill Lokali intimat. F'dan ir-rigward apparti dak li jinsab provdut taħt l-art. 33 tal-Att dwar il-Gvern Lokali (u li kien hemm provdut anke qabel l-emendi riċenti), huwa l-istess Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali intimat li kkonferma tramite x-xhieda tiegħu li "din it-triq u ċioé Reggie Miller taqa' entro l-kompetenza tal-Kunsill Lokali intimat tal-Gżira, ngħid però li fiż-żmien li kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet li semmejt il-kompetenza kienet f'idejn Transport Malta.(…)". F'dan ir-rigward ix-xhud jikkontradixxi ruħu billi fl-ewwel verżjoni mogħtija minnu jgħid li l-kompetenza tat-triq irrevertiet lura għand il-Kunsill Lokali meta "x-xogħlijiet fi Triq Reggie Miller effettivament kienu lesti" biex imbagħad, fuq mistoqsija tat-Tribunal, xehed li "madanakollu l-kompetenza fir-rigward ta' din it-triq reggħet ġiet lura f'idejn il-Kunsill Lokali ntimat meta uffiċjalment spiċċaw ix-xogħlijiet tal-Kappara Junction. Dawn ix-xogħlijiet gew terminati fis-sena elfejn u tmintax (2018)". F'dan ir-rigward it-Tribunal jagħmel referenza għar-regolament 3 tal-Avviż Legali 29 tal-2010 (illum sostitwit bl-Avvi Legali 291 tal-2018) minn fejn jirriżulta ċar li għalkemm l-Awtorità hija responsabbli għall-kostruzzjoni mill-ġdid tat-toroq, fejn it-triq m'hijiex arterjali u lanqas distributorja, it-titjib u l-manutenzjoni tagħha għandu jipprovdi għalihom il-Kunsill Lokali proprju skont l-art. 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (illum Att dwar il-Gvern Lokali). Konsegwentement huwa ċar li wara li spiċċaw ix-xogħlijiet fi Triq Reggie Miller ma kien hemm xejn li kien legalment jeskludi l-kompetenza tal-Kunsill Lokali intimat. Il-fatt waħdu li t-triq kienet qed tintuża bħala parti minn* diversion route *ma jġibx li għaldaqshekk it-triq għandha tiġi kkunsidrata arterjali u/jew distributorja stante mhux biss il-lista eżebita f'dawn l-atti bħala dok. TM2 (fol. 111 et seq) imma wkoll ix-xhieda ta' Dr. Daniel Saliba in rappreżentanza tal-istess Dipartiment tal-Gvern Lokali fis-sens illi huwa biss sakemm jirrigwardja x-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni li l-kompetenza taqa' f'idejn l-Awtorità intimata, impreġudikata r-responsabilità ordinarja tal-Kunsill Lokali għall-manutenzjoni tal-istess triq. Fil-fatt*

*ma tressqet ebda prova li Triq Reggie Miller għamlet xi żmien partikulari ikkunsidrata bħala triq arterjali u distributorja jew li xort'oħra baqgħet fil-kompetenza tal-Awtorità intimata anke wara li spiċċaw ix-xogħlijiet fiha. Anzi, ix-xhieda ta' Dr. Daniel Saliba hija proprju fis-sens oppost għal dan stante li, kif ingħad, tikkonferma li huwa biss waqt li jkunu għaddejjin ix-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni tat-triq li din toħroġ mill-kompetenza tal-Kunsill Lokali u mhux ukoll wara. Perdipiù irriżulta wkoll li, wara li seħħ l-incident de quo, kien proprju l-Kunsill Lokali intimat li assuma r-responsabilità sabiex iwettaq it-tiswijiet neċessarji fl-isprall (ara f'dan is-sens xhieda mogħtija minn Anthony Attard fis-sens li: "kif jiena irċevejt dan l-ilment kif xhedt bgħatt il-*handyman*, ra x'kien hemm hazin u fil-fatt wettaq ix-xogħlijiet"). Skont ma ġie ivverbalizzat waqt is-seduta tas-17 t'Ottubru, 2019 il-Kunsill Lokali intimat baqa' ma rrintraċċjax il-*job sheets *relattivi għal tali xogħljiet ta' tiswija.*

*3. Illi fir-rigward tal-isprall, huwa minnu li l-avukat difensur tal-Awtorità intimata pruvat tikkontendi li l-isprall ma jigix invitat imma ikklipjat f'postu sabiex ikun jista' jiġi imnaddaf faċilment. Madanakollu xejn minn dan ma rriżulta mill-provi prodotti; ingħad biss li tali sprall jiġi klippjat għaliex huwa intiż għall-*pedestrian area *imma, bil-kontra ta' dan l-istess ritratti tal-isprall, jindikaw toqob intizi proprju sabiex dan ikun jista' jigi invitat f'postu u b'hekk ma jkunx jista' jiċċaqlaq faċilment (ara f'dan is-sens ritratti a fol. 104 u 126). Huwa ċar li kien jinkombi fuq l-Awtorità li dawn l-isprall i jkunu mwaħħlin b'mod sigur u kif suppost. Wara li x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fit-triq spiċċaw u l-kompetenza reġgħet waqgħet f'idejn il-Kunsill Lokali, kien jinkombi wkoll fuq l-istess Kunsill Lokali li jinduna li tali sprall ma kienx imwaħħal kif suppost bir-riskju evidenti mhux biss għas-sewwieqa imma anke għall-utenti tal-bankina. Jidher minflok li mhux talli l-Kunsill Lokali ma ntebaħx b'dan ir-riskju u ra kif għamel sabiex jirrimedjah qabel tiġi kkawżata l-ħsara imma saħansitra lanqas biss kien intebaħ li r-responsabilità għaż-żamma tat-triq irrevertiet lura għandu malli tlestew ix-xogħlijiet fiha.*

*Illi, għaldaqstant tenut kont tas-surreferit, huwa ċar li kemm l-Awtorità intimata u l-Kunsill Lokali intimat għandhom jiġu ritenuti responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża. Tenut kont tar-responsabilitajiet partikulari tagħhom u ċioé r-responsabilità tal-Awtorità għat-tqegħid u ċ-ċertifikar tax-xogħlijiet u wkoll ir-responsabilità tal-Kunsill Lokali għall-manutenzjoni u titjib tat-toroq li jaqgħu fil-kompetenza tiegħu, it-Tribunal isib li ż-żewġ entitajiet għandhom jinżammu responsabbli fi gradi ugwali bejniethom għall-ħsara sofferta mill-atturi bħala konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża odjerna li seħħ madwar seba' xhur wara li t-triq ġiet rikostruwita. L-Onor Qorti tal-Appell (Inferjuri) kienet ukoll waslet għall-istess konklużjoni meta*

*kkunsidrat inċident li fih l-atturi sofrew ħsara derivanti minn ħofra u tappiera fi triq li fuqha saru xogħlijiet mill-Awtorità intimata minkejja li ma ġietx ikkunsidrata arterjali jew distributorja. Permezz tas-sentenza fl-ismijiet* ***GasanMamo Insurance Limited v. Kunsill Lokali Naxxar et.*** *deċiża fil-5 ta' Frar, 2016 iddeċidiet proprju li l-Kunsill Lokali intimat f'dawk il-proċeduri kellu jinżamm solidalment responsabbli mal-Awtorità għat-Trasport għall-ħsara sofferta mill-atturi:*

*"Il-Kunsill ma jistax jiġi eżonerat mill-obbligi ta' manutenzjoni ġialadarba skont l-Att dwar il-Kunsilli Lokali hu responsabbli għal manutenzjoni tat-toroq u eżonerat biss mit-toroq arterji u "stabbiliti" mill-Pjan Lokali. Il-fatt li l-Kunsill qal li qatt ma wettaq manutenzjoni tat-triq ma jeżonerahx ġialadarba jidher li t-triq għadha sal-lum ma ġietx klassifikata bħala triq distributorja jew arterjali.*

*Min-naħa l-oħra rriżulta wkoll mill-provi li l-Awtorità għat-Trasport f'Malta matul is-snin interveniet ukoll fuq il-manutenzjoni u riparazzjonijiet ta' Triq is-Salina. Is-senjalatika fit-triq in kwistjoni ukoll ħadu ħsiebha l-awtorità appellanti. Għalhekk ladarba l-awtorità appellanti stess assumiet responsabiltajiet fuq din it-triq, għandha wkoll responsabbiltà."*

*L-istess raġunament huwa kjarament applikabbli għall-każ in eażmi.*

*Illi finalment it-Tribunal għandu jiddetermina wkoll jekk hemmx xi nuqqas li jista' jigi talvolta attribwit lill-attur fis-sewqan tiegħu. F'dan ir-rigward it-Tribunal sema' kemm lill-attur u kif ukoll lill-martu jixhdu kemm in eżami u kif ukoll in kontro-eżami u jista' faċilment jikkonkludi li m'hemm ebda nuqqas li jista' jiġi b'xi mod attribwit lill-attur wisq anqas li kien xi nuqqas fis-sewqan tal-attur li kkawża l-inċident mertu tal-kawża. Minn tali xhieda irriżulta kjarament li l-inċident seħħ proprju meta l-attur ra karozza tal-linja ġejja fid-direzzjoni opposta għalih u beda jimmanuvra aktar lejn il-bankina biex joħloq spazju minn fejn tgħaddi tali karozza tal-linja ("Fuq mistqosija tat-Tribunal ngħid li bejn il-ħin li jiena kont wieqaf sa x'ħin ġbidt aktar lejn in-naħa tal-bankina in vista tax-xarabank li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta ngħid li jiena soqt biss bejn metru jew żgur mhux iktar minn tul ta' karozza. Ngħid li x'ħin kont qed inwettaq din il-manuvra l-veloċità tiegħi kienet waħda minima, ngħid li kważi kważi kienet veloċità ta' bniedem miexi." (ara f'dan is-sens xhieda mogħtija mill-attur waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju, 2018)). Huwa minnu li matul dawn il-proċeduri saru diversi allegazzjonijiet li l-attur saq fuq il-bankina jew li jista' jkun li kien hemm terzi li saħansitra tefgħu dan l-isprall fuq il-vettura imma minn dan kollu ma rriżulta xejn salv illi l-isprall tar għal fuq il-vettura meta l-attur immanuvra viċin il-bankina biex jagħmel spazju għall-karozza tal-linja ġejja minn faċċata. Irriżulta wkoll li wara l-*

*inċident it-*tyre *tal-vettura tal-attur kien imtaqqab (ara f'dan is-sens ritratti a fol. 33 et. seq. tal-process). It-Tribunal ma jista' jirraviża xejn inkonsult fil-manuvra imwettqa mill-attur u ċertament li tali manuvra ma kien ikollha ebda effett li kieku l-isprall kien ġie invitat sew f'postu mingħajr ponot li jisporġu 'l barra mill-bankina. Il-ħsara ravviżata wara l-inċident, senjatament it-*tyre *imtaqqab u l-grif fuq ir-rim tar-rota, huma indikattivi tal-fatt li l-isprall - oltre li mhux invitat skont kif meħtieġ mid-disinn tiegħu stess - kien jisporġi 'l barra mill-bankina u saħansitra nifed it-*tyre *u giref ir-*rim *tar-rota meta l-vettura nstaqet eqreb lejn il-bankina. Il-pożizzjoni ta' tali toqba fit-*tyre *teskludi wkoll l-allegazzjoni li l-attur rifes fuq il-bankina u/jew fuq l-isprall.*

*Illi fir-rigward tal-*quantum *mitlub, anke in vista tax-xhieda mogħtija mis-*surveyor *Kumar Bonello (mogħtija waqt is-seduta tal-14 ta' Ġunju, 2018 a fol. 23 et. seq tal-proċess) u mid-dokumentazzjoni eżebita bħala prova tas-surroga li seħħet kemm skont il-polza u kif ukoll skont il-liġi, it-Tribunal isib li t-talba għall-ħlas tal-ammont mitlub huwa ġustifikat.*

*Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti sakemm kompatibbli mas-surreferit, isib li l-konvenuti jaħtu t-tnejn fi grad ugwali għall-inċident mertu tal-kawża odjerna u konsegwentement jilqa' t-talba attriċi u jikkundanna lill-konvenuti fi kwoti indaqs bejniethom sabiex iħallsu lill-atturi s-somma komplessiva ta' elf tlett mija u tmienja u erbħhin Euro u erbgħin ċenteżmu (€1,348.40) rappreżentanti d-danni kollha sofferti bħala riċultat ta' dan l-inċident, bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 3 ta' Marzu, 2017 u bl-interessi legali mid-9 ta' Marzu, 2017 sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-istess konvenuti ukoll fi kwoti indaqs bejniethom."*

## Ir-Rikors tal-Appell

5. L-appellanta Awtorità għat-Trasport f'Malta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-22 ta' Novembru, 2019, fejn filwaqt li tgħid li tħoss ruħha aggravata bis-sentenza appellata, tressaq għall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti l-uniku aggravju ta' dan l-appell li huwa bbażat fuq il-fatt illi bid-deċiżjoni

tiegħu t-Tribunal mar b'mod gravi kontra d-dettami tal-ekwità skont il-liġi, b'mod din id-deċiżjoni ppreġudikat il-jeddijiet tal-Awtorità appellanti.

## Ir-Risposta tal-Appell

6. Fir-risposta tal-appell tagħhom, l-appellati jsostnu li l-appell tal-Awtorità appellanta huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kemm ta' dina l-istanza kif ukoll tal-ewwel istanza, kontra l-Awtorità appellanta, filwaqt li d-deċiżjoni appellata għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha u jagħtu r-raġunijiet tagħhom għal dan, liema raġunijiet ser jiġu kkunsidrati aktar 'l isfel f'din is-sentenza.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

7. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-uniku aggravju tal-appellanta, flimkien mar-risposta tal-appellati, u dan fid-dawl ta' dak li kkunsidra u ddeċieda t-Tribunal.

8. L-appellanta tispjega dan l-uniku aggravju tagħha billi tgħid li l-massima legali *quod non est in acti non est in mundo* huwa prinċipju bażiku li permezz tiegħu tiġi mħarsa l-ekwità skont il-liġi sabiex jiġi żgurat smigħ xieraq. Tkompli tgħid li l-Qorti ma tistax issostni konġetturi, asserzjonijiet gratuwiti jew sempliċi fehmiet, iżda biss fatti ppruvati. Tgħid ukoll li l-fatti li fuqhom irid jiddeċiedi t-Tribunal jridu jirriżultaw mill-atti, u anki jekk il-ġudikant ikun jaf bil-

fatti personalment, il-ġudikant ma jistax juża jew jagħmel riferiment għall-fatti jekk ma jirriżultawx mill-atti tal-kawża. L-appellanta tgħid li meta f'para. 3 *a fol.* 10 tad-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal iddeċieda illi l-isprall inkwistjoni kellu jiġi invitat meta wettqet ix-xogħlijiet u mhux sempliċement ikklippjat, kif kien xehed il-Perit Noel Gauci, dan għamel asserzjoni gratuwita għaliex il-Ġudikatur mhuwiex espert f'dawn it-tip ta' spralli u xogħlijiet ta' pavimentar, u ma kellux ikun hu li jikkonkludi dan mingħajr ma jkollu bażi permezz tax-xhieda tal-perit in atti jekk l-isprall hux verament kellu jiġi invitat. L-appellanta tikkontendi ulterjorment li d-deċiżjoni tat-Tribunal tilledi d-drittijiet tagħha, proprju għaliex poġġietha f'pożizzjoni fejn hija jkollha tagħmel tajjeb anki għal danni naxxenti minn *causus*, ossija dawk li ma joħorġux minn xi nuqqas ta' prudenza jew diliġenza da parti tagħha.

10. Min-naħa tiegħu l-appellati bdew biex jirrilevaw fir-rigward tal-aggravju tal-appellanta, li huwa ben stabbilit mill-Qrati tagħna li l-Qorti tal-Appell hija Qorti ta' reviżjoni u ma tvarjax leġġerment l-apprezzament tal-fatti li tkun għamlet l-ewwel Qorti. Il-funzjoni tal-Qorti tal-Appell hija waħda ta' reviżjoni u ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti (jew Tribunal) jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti (jew Tribunal) setgħet raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Speċifikatament dwar l-aggravju tal-appellanta, l-appellati jgħidu li minn imkien ma joħroġ li t-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu qal li l-Awtorità kellha ġġib prova li kienet qiegħda taġixxi b'diliġenza superjuri għal dik ta' *bonus paterfamilias*. Anzi t-Tribunal ikkwota sentenza fl-ismijiet **Hugh P. Zammit *vs.***

**Direttur tat-Toroq et**[1] fejn intqal li l-entitajiet pubbliċi li lilhom hija affidata ċerta mansjoni huma, bħal kull ċittadin privat, marbuta li josservaw, fil-kors tal-attivitajiet tagħhom, il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja dettata mir-regola fl-artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili. L-appellati jaqblu mar-raġunament fid-deċiżjoni tat-Tribunal illi l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ minħabba l-isprall inkwistjoni u għalhekk ġaladarba l-Awtorità appellanti kienet responsabbli għal tali xogħlijiet, allura kienet hija li kellha wkoll r-responsabbiltà li tiżgura li l-ispralli jkunu mwaħħlin sew. L-appellati jikkontendu li huwa ċar li l-isprall ma kienx imwaħħal sew, peress li kien ikklippjat u mhux invitat, għaliex li kieku kien imwaħħal sew ma kienx iseħħ l-inċident inkwistjoni. Jgħidu wkoll illi kienet responsabbiltà tal-Awtorità appellanta li l-ispralli jkunu mwaħħlin b'mod sikur u kif suppost. L-appellati jikkontendu li minkejja l-fatt li l-Awtorità appellanti tibbaża l-appell tagħha fuq l-artikolu 8(2) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk wieħed jaqra l-appell sew wieħed jista' jiġi għall-konklużjoni li indirettament dan l-appell huwa purament ibbażat fuq il-fatt li l-Awtorità appellanti tħoss li t-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-fatti u xejn aktar. L-appellati jagħmlu riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Oscar Gatt vs. Silvio Brincat**[2] fejn intqal li l-Qorti ma tarax kif jista' l-appellant jadduċi l-ekwità bħala mottiv biex jinfiċja d-deċiżjoni appellata, meta t-Tribunal in fatti ma għamel l-ebda eżerċizzju ta' ekwità u d-deċiżjoni tiegħu kienet ibbażata unikament fuq konsiderazzjonijiet fattwali kif joħorġu mill-provi tal-kontendenti. L-appellati jagħmlu riferiment ukoll għas-

[1] App. Inf. 23.01.2004.
[2] App. Inf. 12.01.2001.

sentenza fl-ismijiet **Mariano Pace et *vs.* Anthony Theuma**[3] fejn ġie deċiż li ebda appell mhuwa possibbli *ex lege* għal xi parti fuq il-bażi li din ma tkunx qablet mal-interpretazzjoni u evalwazzjoni tal-provi akkwiżiti magħmula mit-Tribunal. L-appellati jkomplu jwieġbu għall-aggravju tal-Awtorità appellanta li l-argument tal-*causus* ċertament ma jistax jitqajjem fl-istadju tal-appell u mill-provi prodotti quddiem it-Tribunal jirriżulta ċar li l-Awtorità appellanti kienet negliġenti u kien hemm nuqqas ta' prudenza min-naħa tagħha.

16. Din il-Qorti tqis illi l-kwistjoni dwar jekk l-Awtorità appellanta aġixxietx bħala *bonus paterfamilias* fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet imwettqin minnha, hija strettament kwistjoni ta' interpretazzjoni u evalwazzjoni tal-provi prodotti quddiem it-Tribunal u bl-ebda mod ma jista' jitqies li bid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal mar b'mod gravi kontra id-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità *ai termini* tal-artikolu 8(2)(d) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta. Mill-provi prodotti, senjatament ir-ritratti *a fol.* 104 u 126 tal-proċess tal-kawża quddiem it-Tribunal, jirriżulta li l-isprall inkwistjoni kellu toqob intiżi proprju sabiex dan ikun jista' jiġi invitat f'postu u b'hekk ma jkunx jista' jiċċaqlaq faċilment. Min-naħa tagħha l-Awtorità appellata permezz tax-xhieda tal-Perit Noel Gauci, tikkontendi li l-isprall kien ġie kklippjat għaliex huwa intiż għal *pedestrian area* u jikkostitwixxi parti mill-konkos tal-bankina.

17. Kwantu għal dak illi ġie sottomess mill-Awtorità appellanta fir-rigward ta' dik il-parti tad-deċiżjoni fejn it-Tribunal qal illi l-isprall inkwistjoni kellu jiġi invitat u mhux sempliċement ikklippjat, dan għamel asserzjoni gratuwita

[3] App. Inf. 02.05.2001.

għaliex il-Ġudikatur mhuwiex espert f'dawn it-tip ta' spralli u xogħlijiet ta' pavimentar, u ma kellux ikun hu li jikkonkludi dan mingħajr ma jkollu bażi permezz tax-xhieda tal-perit in atti jekk l-isprall hux verament kellu jiġi invitat, din il-Qorti tirrileva li l-Perit Noel Gauci ma ta l-ebda spjegazzjoni loġika għalfejn f'*pedestrian area* tali spralli għandhom jiġu kklippjati flok invitati, u ma qal xejn ħlief li *"ma jidhirlix li l-gradilja ta' fuq suppost għandha tiġi invitata b'xi mod sa fejn naf jien din tiġi klippjata biss."*[4]

18. Min-naħa tagħha l-avukat difensur tal-Awtorità appellanta ppruvat tikkontendi ukoll li l-isprall ma jiġix invitat imma kklippjat f'postu sabiex ikun jista' jiġi mnaddaf faċilment, avolja mill-provi ma jirriżulta xejn minn dakollu. Huwa x'inhu l-każ, jibqa' l-fatt li l-kwistjoni dwar jekk il-gradilja inkwistjoni kellhiex tiġi kklippjata jew invitata, għalfejn f'*pedestrian area* tali gradilji jiġu kklippjati u mhux invitati, jekk il-gradilja kellhiex il-ponot jesporġu 'l barra mill-bankina u l-kwistjoni jekk sabiex jiġi faċilitat it-tindif tal-*culvert*, huwiex aktar konvenjenti li l-gradilja tiġi kklippjata flok invitata, huma kollha kwistjonijiet ta' fatt li jiddependu minn evalwazzjoni u interpretazzjoni tal-provi, li trid issir fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tat-Tribunal, liema diskrezzjoni din il-Qorti ma tħossx li għandha b'xi mod tiġi disturbata għaliex it-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu bl-ebda mod ma mar kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità, kif ġie alleggat mill-Awtorità appellanta.

19. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx l-aggravju tal-Awtorità appellanta ġustifikat u qiegħda tiċħdu.

---

[4] *A fol.* 124 tal-atti tal-kawża quddiem it-Tribunal.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell billi tiċħdu filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, u dawk tal-appell odjern ikunu a karigu tal-Awtrorità appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**